29 ta' Novembru, 1947.
Imħallef:
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.
Domenico Attard *versus* Frederick Claydon ne. (*)

**"Steward" — Mandat — Institur — Lokazzjoni d'Opera — Domestiku.**

*L-opra ta' "steward" tista' tkun dik ta' mandatarju, jew institur, jew ta' lokatur ta' l-opera bħala seftur jew domestiku.*

*Il-fatt li l-padrun jagħmel xi akkwisti per mezz tad-domestiku jew kommess tiegħu ma jagħlaqx il-preżunzjoni li dawk l-akkwisti jsiru a favur u riskju tal-padrun, b'mod li dan għandu jħallas prezzhom meta huwa jkun ta l-flus lid-domestiku jew seftur biex iħallas il-prezz ta' dawk l-akkwisti u dan ma jħallasx; ammenokkè dak id-domestiku ma jkunx il-mandatarju jew l-institur tal-padrun.*

---

(*) Konfermata fl-Appell, 31. 5. 48.

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara i tiġi premessa kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħti ull provvediment li jkun hemm bżonn, il-konvenut nomine iġi kundannat iħallsu s-somma ta' £82. 12. 3 għal prezz ta' 'groceries" lilu forniti per mezz ta' l-impjegat tiegħu Joseph 'ella u skond il-kont mehmuż mat-taħrika (dok. A); bl-imħax legali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Ġunju 947. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju, kompriżi dawk ta' l-imsemmija ttra uffiċjali;

*Omissis:*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, illi biha oppona illi Joseph Vella, li kien ħa bi kreditu "groceries" minn ħand l-attur għan-nom tal-Mess li tiegħu l-konvenut huwa egretarju, ma kellu ebda jedd li jorbot l-imsemmi "mess" bixiri ta' "groceries" a kreditu, tant li kien jirċievi regolarment l-flus neċessarji għal dawn il-provvisti; u għalhekk huwa ma uwiex responsabili għad-dejn kuntrattat minn Vella, u t-talba attriċi hija nfondata; b'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi jirriżulta li l-konvenut nomine, bħala segretaju tal-mess ta' Had Dingli, kien qabbad bħala "steward" lil ertu Vella, wara li kien spiċċa ċertu Pace. Jidher ukoll li me-

ta Pace kien "steward" tal-mess, kien jieħu merkanzija, oltre li minn għand in-N.A.A.F.I. "cash down", u ta' dan kien jieħu għalih "rebate", ukoll kien jixtri bil-kreditu minn għand l-attur, u jħallsu meta l-konvenut jgħaddilu l-flus; u dana kien a konoxxenza ta' l-istess konvenut nomine, tant li meta spiċċa Pace mis-servizz tiegħu, il-konvenut nomine mar u ħallas personalment l-"outstanding bills" li kellu Pace miegħu favur il-mess innifsu. F'dina l-okkażjoni tal-ħlas tal-kontijiet miftuħa ta' Pace l-konvenut nomine qal lill-attur li Pace ma kienx għadu fis-servizz tal-mess........... Jingħad però, illi meta f'lok Pace daħal fis-servizz tal-mess Vella, l-istess mess, per mezz tiegħu, beda jieħu a kreditu u jħallas bit-temp il-merkanzija minn għand in-N.A.A.F.I., kif jidher mill-kontijiet eżibiti. F'każ li kien ikun hemm bżonn ta' merkanzija oħra, Vella, kif jidher mid-dokumenti eżibiti, kien jirċievi l-flus, u skond il-konvenut nomine, ebda mandat ma kellu l-istess Vella jieħu minn għand ħadd a kreditu (barra min-N.A.A.F.I.) għan-nom tal-mess. Huwa fatt riżultat, u ammess mill-istess attur, illi lil Vella ma pprezentalux lilu l-konvenut nomine, iżda l-bejjiegħ tal-laħam li kien jiffornixxi l-mess in kwistjoni; imma ma ġiex pruvat li dina l-preżentazzjoni saret b'inkariku tal-konvenut nomine. In segwitu, wara ftit żmien, Vella sparixxa; u meta ġara dan, l-attur bagħat il-kont ta' dak li Vella kien ħa a kreditu lill-mess; iżda l-mess ma riedx iħallas il-għaliex lil Vella kienu jagħtuh il-flus tal-kompri;

Tikkunsidra;

Illi wara li ġew rebatati l-fattijet jingħad li in tema legali l-opra ta' li steward tista' tkun dik ta' mandatarju, jew institur, jew lokatur d'opera bħala seftur jew domestiku. Issa jekk huwa hekk, kif taħseb dina l-Qorti, jingħad bħala prinċipju li ma jistax jinħoloq jew jiġi elevat għal preżunzjoni l-fatt li l-akkwisti magħmula minn domestiku jew kummess ġew magħmula a favur u riskju tal-padrun, u li konsegwentement dan l-aħħar innifsu għandu jħallas prezzhom. Infatti, kieku l-kummess jew domestiku jkun fil-fatt inkarikat jixtri għall-padrun tiegħu "praesenti paecunia", kwalunkwe kreditu li setgħu jagħtuh terzi persuni jkun a riskju tagħhom; il-għaliex ikun ħareġ mill-isfera tal-mandat tiegħu, u dik il-fiduċja per-

sunali li jkunu tawh ma jistgħux jirriversawha fuq il-padrun (ara Troplong, Mandat, paragrafu 603; Duranton Lib. 3, Tit. B, no. 220; Laurent, Vol. 28, paragrafi 62 u 63);

Illi kwindi, jekk mandat ma jistax ikun hemm, il-għaliex il-mandanti huwa tenut versu t-terzi għall-obligazzjonijiet li l-mandatarju jkun assuma bħala tali in eżekuzzjoni tal-mandat —dak li l-konvenut nomine jinnega, in kwantu qal li ma kellux jieħu minn għand ħadd a kreditu barra min-N.A.A.F.I., u għall-merkanti l-oħra kellu jieħu l-merkanzija "praesenti paecunia"—u f'dana huwa korroborat mill-provi, u l-attur ma ppruvax li dana ma kienx minnu, u jekk lanqas ma jista' jingħad, għall-istess raġuni, li ġew vjolati l-prinċipji ta' l-azzjoni institorja li huma applikabili għall-prepożizzjoni ta' xi impriża kwestwarja jew ħanut (L. 3 de institoria actione), u jekk finalment lanqas il-prinċipji tal-lokazzjoni d'opera ma ġew regolati, għal raġuni evidenti diġà msemmijin, it-teżi attriċi ma hix sostenibili;

Fl-aħħarnett jingħad li lanqas ma huma applikabili l-prinċipji ta' l-"actio de in rem verso", il-għaliex l-ewwelnett ma ġiex pruvat li l-oġġetti li l-prezz tagħhom huwa reklamat marru fil-mess in kwistjoni; u anki kieku marru u servew għal dak il-mess, jonqos l-element tal-lokupletazzjoni in vista tal-fatt li l-imsemmi Vella kien qiegħed jirċievi l-flus biex jixtrihom (ara Laurent fuq ċitat, u argument li jitnissel mil-liġi 16, Dig. de in rem verso);

Illi kieku l-imsemmi Vella ġie preżentat lill-attur missegretarju tal-mess wara li spiċċa Pace, in vista tar-riżultanzi kif kien jaħdem Pace, l-istess mess kien tenut; il-għaliex allura l-fiduċja li l-attur ikun irripona fih kienet tkun rafforzata minn dak l-aġir u dika l-proċedura anteċedenti; imma f'dana l-każ jirriżulta, anzikkè rafforzament tal-ħsieb, politika u azzjoni ben kuntrarja in kwantu Claydon lil Vella qallu li a kreditu kellu biss jieħu minn għand in-N.A.A.F.I., kif fil-fatt jidher li ħa, mentri dwar il-merkanti l-oħra kellu jisserva bil-flus li kien qiegħed jagħtih;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur.